**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**S.T.O. PRIM’ IMĦALLEF DR. SILVIO CAMILLERI LL.D.**

**Appell Nru: 423/2014**

**Il-Pulizija**

**[Spettur Maurice Curmi]**

**vs**

**Paul Portelli**

**Illum, 11 ta’ Settembru 2015**

**Il-Qorti,**

**1.** Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant, Paul Portelli, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 1856G, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bhala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali talli:

> Bejn Jannar 1997 u Diċembru 2008 f’dawn il-Gżejjer, b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b’riżoluzzjoni waħda, fil-kapaċità tiegħu bħala Direttur tas-soċjetà Tower Products Limited, approprija ruħu billi dawwar bi profit għalih jew għall-persuna oħra, minn ħaġa ta’ ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinjata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat u ċioe ma ħallasx it-taxxa tal-F.S.S. u l-Kontribuzzjonijiet ta’ Sigurtà Soċjali wara li dawn kienu gew imnaqqsa mill-pagi tal-impjegati liema somma tammonta ghal €394,058.94 ai termini tal-Artikoli 18, 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

2. Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, mgħotija fit-8 ta' Ottubru, 2014, li biha l-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Paul Portelli ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u ikkundannatu għal perijodu ta' sentejn priġunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta issospendiethom għal perijodu ta' erba' (4) snin u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28H tal-istess Kapitolu 9 ordnat lill-imputat biex fi żmien sitt (6) xhur mid-data tas-sentenza jħallas lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni s-somma ta' €394,058.94 (tlitt mija u erbgħa u disgħin elf u tmienja u ħamsin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu).

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import tas-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien erba' (4) snin mid-data tas-sentenza jew jekk ma jhallasx l-ammont ta' €394,058.94 fiz-zmien lilu moghti.

3. Rat ir-rikors tal-appell ta' Paul Portelli, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fil-21 ta' Ottubru, 2014, fejn l-appellant talab lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka is-sentenza appellata u tillibera lil appellant minn kull ħtija u piena.

4. Rat l-atti tal-kawża inklużi l-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti, u semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

5. Il-fatti fil-qosor in kwantu relevanti ghall-finijiet ta' dan l-appell huma s-segwenti.

6. L-imputat huwa d-direttur tal-kumpanija Tower Products Limited. Matul is-snin mill-1997 sas-sena 2008 l-kumpanija msemmija naqqset l-ammont tat-taxxa u l-kontribuzzjonijiet ta' sigurtà soċjali mill-pagi tal-impjegati tagħha skont il-liġi u skont il-liġi il-kumpanija dawk l-ammonti

mnaqqsa kellhom jiġu rimessi lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti. It-taxxa u l-kontribuzzonijiet msemmija kienu jammontaw għal €64,991 f'taxxa u €329,067.94 f'kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali. Minflok ma s-soċjetà msemmija ħallset il-flejjes imnaqqsa lill-awtoritajiet kompetenti kif speċifikat fil-liġi hija għamlet qligħ minnhom u żammithom għaliha.

**7.** L-aggravji tal-appellanti huma fil-qosor is-segwenti:

(1) il-fatti kif ġraw ma jikkostitwixxux ir-reat ta' approprjazzjoni indebita u dan skont l-insenjament fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tal-14 ta' Frar 1997 fil-kawża fl-ismijiet Pulizija v John Gauci u f'sentenzi oħra tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li segwuha[1];

(2) fl-ebda mument ma rriżulta li l-imputat ġabar xi flus mingħand ħaddieħor iżda li ġara kien li n-negozju kien sejjer lura u mhux biss ma tħallsitx it-taxxa dovuta iżda "f'ċerti każijiet lanqas il-pagi ma kienu qed jitħallsu".

## Ikkunsidrat

**8.** Fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant isostni li l-fatti ta' dan il-każ ma jinkwadrawx fir-reat ta' approprjazzjoni indebita. Huwa jserraħ dan l-aggravju fuq dak li ġie ritenut fis-sentenza Pulizija v John Gauci ta' din il-Qorti diversament preseduta tal-14 ta' Frar 1997. L-appellant isostni li l-ewwel Qorti "pruvat" tistrieh fuq is-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-kawża fl-ismijiet Pulizija v Francesco Saverio sive Francis Aquilina tal-15 ta' Frar 2000. Tassew, f'din l-aħħar sentenza, aktar

[1] P v Emanuel Aquilina, 31/7/2007; P v Pawlu Vella et, 22/9/2010; P v Jesmond Bondin, 20/11/2013; P v Joseph Grima, 30/5/2002

reċenti minn dik preċitata, fejn si trattava tat-taxxa tal-V.A.T., l-Qorti sostniet li:

> "Meta kumpanija tuza l-flus li tkun gabret bhala VAT sabiex tkompli topera bihom, dik il-kumpanija tkun qed tikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni bla jedd; anzi dan hu kwazi kaz klassiku ta' approprjazzjoni indebita. U f'dak il-kaz ikun hemm, kif diga inghad, ir-responsabbilta` vikarja ta' kull direttur, *manager*, segretarju jew ufficjal iehor simili ta' dik il-kumpanija."

**9.** Qabel din is-sentenza kien hemm ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet Pulizija v John O'Dea, tal-11 ta' Novembru 1994 li għar-rigward tat-taxxa P.A.Y.E. li tnaqqset mill-pagi tal-impjegati u ma ġietx mgħoddija lill-Kumissarju tat-Taxxi Interni ġie wkoll kategorikament ritenut li "F'dawn iċ-ċirkostanzi jiffigura perfettament ir-reat ta' approprjazzjoni indebita...".

**10.** L-appellant, iżda, irribatta li miż-żmien tas-sentenza Pulizija v Francesco Saverio sive Francis Aquilina 'l hawn dik is-sentenza ma ġietx segwita mill-Qrati tagħna u f'każijiet simili, li wkoll kienu jirreferu għal V.A.T, il-konstatazzjonijiet u l-argumenti f'dik is-sentenza ma ġewx segwiti u għamel riferenza għal diversi sentenzi kollha tal-Qorti tal-Maġistrati.

**11.** Fl-ewwel lok għandu jingħad li hu kemm hu n-numru tas-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati dawn ma jipprevalux, bħala awtorevolezza, fuq is-sentenzi ta' din il-Qorti, b'mod partikolari meta jistrieħu fuq sentenza unika ta' din il-Qorti mingħajr ma jieħdu qies sentenzi oħra ta' din il-Qorti, anki aktar riċenti, fid-direzzjoni opposta. *Multo magis* meta dawk is-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati ma jkunu ħadu ebda konjizzjoni tas-sentenzi ta' din il-Qorti li jkunu ta' fehma opposta għal dik espressa f'dawk is-sentenzi. Is-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet Pulizija v John O'Dea kienet ingħatat ferm qabel is-sentenzi kollha tal-Qorti tal-Maġistrati citati mill-appellant b' danakollu dawk is-sentenzi anqas

jagħmlu l-minimu aċċenn għaliha. Inoltre, anki s-sentenza l-oħra ta' din il-Qorti fl-ismijiet Pulizija v Francesco Saverio sive Francis X Aqulina kienet ukoll ingħatat qabel is-sentenzi kollha tal-Qorti tal-Maġistrati ċitati u għaliha wkoll ma hemmx l-iċken aċċenn fis-sentenzi msemmija.

**12.** Peress li s-sentenzi kollha ċitati tal-Qorti tal-Magistrati, espliċitament jew impliċitament[2], straħu fuq is-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet Pulizija v John Gauci huwa indikat li jsiru r-riflessjonijiet segwenti dwar dik is-sentenza.

**13.** Is-sentenza Pulizija v John Gauci ingħatat fuq fatti li kienu partikolarissimi u l-Qrati tal-Maġistrati ma jidhirx li ħadu konjizzjoni tal-fatti partikolari ta' dak il-każ u li dwarhom ingħatat dik is-sentenza. Di fatti, f'dak il-każ kien irriżulta li l-pagi tal-impjegati tas-soċjetà li kienet timpjeghom kienu tħallsu minn kumpanija oħra, li ma kienetx dik li timpjega lill-impjegati involuti, bi flus li intbagħtu minn barra minn Malta mill-azzjonisti, u dan peress li ebda waħda mill-kumpaniji in kwistjoni ma kellha introjtu hawn Malta. Inoltre, l-flus li kienu jibagħtu l-azzjonisti minn barra ma kienux jinkludu l-ammont tat-taxxa dovuta. Dawn il-fatti ma jsibu ebda rifless fil-fatti tal-każ ta' llum.

**14.** Fit-tieni lok, għalkemm dak li jingħad fis-sentenza Pulizija vs John Gauci dwar l-element "taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu .. li jsir użu minnha speċifikat" seta kien biżżejjed għall-finijiet tal-fattispeċi ta' dak il-każ, iżda, kif ser jidher aktar tard f'din is-sentenza, l-analiżi ta' dik il-Qorti tal-istess element ma hux komplet u eżawrienti sabiex ikopri b'mod ġenerali l-ipotesijiet ta' fatti kollha li jistgħu jinkwadraw fir-reat ta' approprjazzjoni indebita skont l-artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali. F'dan l-istadju hu biżżejjed li jingħad li mid-definizzjoni stess tar-reat jirriżulta li

[2] Is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati Pulizija v Emanuel Aquilina ġia ċitata ma ssemmix espressament is-sentenza P v John Gauci iżda mill-fatt li s-sentenza tagħmel użu mill-kliem identiku użat f'din l-aħħar sentenza huwa palesi li l-Qorti kienet qiegħda tistrieħ proprju fuq is-sentenza P v John Gauci.

huwa t-titolu, li bih ġie riċevut l-oġġett, li għandu jġib miegħu l-obbligu ta' użu speċifikat, u mhux neċessarjament li tali użu għandu jiġi speċifikat mill-proprjetarju mal-konsenja tal-oġġett.

**15.** Di fatti, l-awtur Luigi Majno[3] dwar dan l-element jgħid:

> "Parlando la legge di affidamento o consegna senza specificazione di modalità, è indifferente che la cosegna sia fatta direttamente e materialmente dal proprietario, oppure la cosa poi appropriata fosse pervenuta in possesso del colpevole per effetto di un rapporto contrattuale non traslativo di dominio.[4]"

**16.** Għalkemm fil-paragrafu citat Majno jitkellem dwar impossessament mill-ħati b'effett ta' rapport kontrattwali – li hija ċertament is-sitwazzjoni l-aktar komuni -- tenut kont tal-fatt li, kif jgħid sew l-istess Majno fl-istess paragrafu, l-liġi ma tillimita b'ebda mod il-modalità ta' kif isir l-affidament jew il-konsenja, ma hemm ebda raġuni sabiex tiġi eskluża s-sitwazzjoni fejn il-konsenja u l-affidament isiru b'operazzjoni tal-liġi u t-titolu li jagħti lok għall-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir mill-ħaġa użu speċifikat ikun ukoll bl-operazzjoni tal-istess liġi.

**17.** Kif ġia ġie rilevat, mid-definizzoni tar-reat fl-artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali jirriżulta li huwa t-titolu li bih is-suġġett attiv irċieva l-pussess tal-oġġett li għandu jkun tali li jobbliga lis-suġġett attiv li jagħmel użu speċifikat u mhux neċessarjament li l-użu għandu jiġi speċifikat mill-konsenjatur mal-konsenja tal-oġġett. Dan huwa msaħħaħ b'dak li jipprovdi l-artikolu 294 tal-Kodiċi Kriminali li minnu jirriżulta li r-reat ta' approprjazzjoni indebita jista' jseħħ ukoll fuq ħaġa "fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba ... depożitu neċessarju" fejn l-affidament

---

[3] Majno kien qieghed jikkummenta fuq ir-reat ta' approprjazzjoni indebita kif definit fl-artikolu 417 tal-Kodiċi Penali Taljan tal-1889 (Codice Zanardelli) li jikkorrispondi mal-artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali tagħna. Awturi oħrajn, bħal Antolisei u Manzini, jikkumentaw dwar ir-reat kif definit fil-Kodiċi Penali Taljan tal-1930 (Codice Rocco) liema definizzjoni ma tikkorrispondix mal-artikolu 293 imsemmi.
[4] Luigi Majno, Commento al Codice Penale Italiano, Unione Tipografico – Editrice, Terza Edizione, 1911, pg. 592, #1948.

u l-konsenja u l-użu speċifikat ma jsirux direttament mill-propjetarju tal-oġġett depożitat iżda jsiru in virtù tal-liġi.

**18.** Fil-każ ta' llum ma hemmx dubbju li skont il-liġi l-appellant kien obbligat jagħmel użu speċifiku tal-ammonti ta' taxxa mnaqqsa u tal-ammont tal-kontribuzzjonijiet minnu miżmuma, u ċioè li jħallashom lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni akkont tat-taxxa u tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tal-impjegati tiegħu. Dan naqas milli jagħmlu billi flok ħallas il-flus lid-Dipartiment huwa użhom għall-ħlas tal-pagi tal-impjegati u għal spejjeż oħra tan-negozju tiegħu.

**19.** Għar-raġunijiet premessi, fuq din il-materja din il-Qorti taqbel ma' u tirriafferma dak deċiż fis-sentenzi Pulizija v Francesco Saverio sive Francis X Aqulina u Pulizija v John O'Dea, fuq ċitati, u għalhekk dan l-ewwel aggravju qiegħed jiġi respint.

**20.** In kwantu għat-tieni aggravju, il-fatti allegati mill-appellant u li fuqhom iserraħ dan l-aggravju ma jirriżultaw minn mkien. Dak li rriżulta hu li s-soċjetà li tagħha l-appellant huwa direttur naqqset it-taxxa u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali mill-pagi tal-impjegati tagħha. Skont dak li l-appellant stess stqarr lill-pulizija --- u dwar din l-istqarrija l-appellant f'ebda stadju qatt ma qajjem l-ebda kwistjoni --- l-ammonti hekk mnaqqsa u ritenuti mis-soċjetà huwa użhom sabiex iħallas il-pagi tal-impjegati tal-kumpanija u sabiex ħallas spejjeż oħra li kellha l-kumpanija u mhux kif allegat mill-appellant f'dan l-aggravju.

**21.** Għalhekk it-tieni aggravju qiegħed jiġi respint ukoll.

Għall-motivi premessi l-Qorti tiċħad l-appell tal-appellant Paul Portelli u tikkonferma s-sentenza appellata b'dan li ż-żmien ta' sitt xhur mogħti lill-appellant mill-ewwel Qorti għall-pagament ta' €394,058.94 lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza.

(ft) Silvio Camilleri
Prim Imhallef

(ft) Silvana Grech
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur